**Biex int tghix ahjar - Minn hawn `il fejn?**

Il-mixja tal-Gvern matul ix-xhur tas-sajf hija wirja ovvja ta` kemm dan huwa Gvern dinamiku. Huwa ovvju li meta isir Prim Minsitru flok xi hadd ta' l-istatura ta` Eddie Fenech Adami ikun hemm certu zmien illi il-vojt irid jimtela, fil-partit u fil-Gvern. Ahna bhala Partit Nazzjonalista irnexxilna noholqu sistema li biha l-poter fil-Partit u fil-Gvern ghadda minghajr wisq skossi, ferm differenti mill-1984 meta il-poter ghadda b`diktat fi hdan il-Partit Labursuta aktar milli b`mod trasparenti u demokratiku.

Jiena ili nadem ma` Lawrence ghal dawn l-ahhar 17-il xahar. Kont nafu qabel pero` sirt nafu ahjar fil-hidma taghna flimkien. Ghaddej il-hin kollu, u dejjem b`idejat godda, jemmen hafna fil-kollegjalita` minghajr ma jitlef id-dritt illi jidderigi il-bastiment hu. Ihobb jaqbad il-barri minn qrunu. Rajniha f`diversi oqsma l-aktar fil-kwestjoni tal-Isptar *Mater Dei* u r-Riforma tal-Pensjonijiet. Kull tmexxija ikollha il-karatteristika taghha; dik ta` Lawrence Gonzi tixhed hidma decisiva fl-oqsma kollha fi zmienijiet meta mhux kulhadd apprezza l-probelmi li l-Gvern solva.

Ma hemmx dubju illi issa li d-decizjonijiet iebsin, inkomplu bir-riformi taghna f`kull qasam - ligi tal-kera, sistema elettorali, incentiv ghall-investiment u holqien ta` impjiegi. Id-dokument ``*Biex Inti Tghix Ahjar*`` li gie diskuss kemm fil-Grupp Parlamentari kif ukoll fil-Kabinett huwa boxxla ta` din l-attivita` gdida proprju fi

zmien meta f`Malta kollox jieqaf; il-gvern wera li ma jehux vaganzi u kompla ghaddej bl-attivitajiet tieghu.

Hemm x`inbidlu? Iva. Kull gvern li jahdem jaghmel zbalji fil-presentazzjoni, xi kultant fil-meritu. Min jahdem huwa suggett ghall-izball; u ahna bhala Gvern ghandna il-kapacita` li niddrittaw l-affarijiet li ghalkemm tajbin u mehtiega iridu jigu spjegati ahjar u naraw li l-effetti taghhom ma jolqtux lin-nies bla bzonn. Jien wiehed minn dawk li emmint f`riforma fl-infurzar lokali li m'ghandux ikun ghan fih innifisu. Jiena u siehbi Carmelo ressaqna emendi sabiex ic-cittadin ikun jista jikkontesta kaz quddiem tribunal lokali minghajr ma jmur hu personlament u ser noholqu sistema li biha multi ingusti jigu mahfura jew imnaqqsa. Nehhejna ukoll il-multa doppja f`kaz li wiehed ma jidhrix quddiem tribunal lokali.

Fil-qasam ta` l-edukazzjoni qed naghfsu sabiex verament naghmlu l-iskejjel ta` l-istat l-ahjar skejjel. Hekk hu sewwa li jsir ghax dawn huma l-iskejjel li ghalihom hu responsabbli il-Gvern. Jekk il-Gvern jaghti 9 miljuni lill-iskejjel tal-Knisja, kien gust illi jinvesti hafna iktar minn hekk fl-iskejjel tieghu stess. Fil-qasam tat-turizmu qed naraw ir-rizultati quddiem ghajnejna, u c-cifri huma inkoraggjanti. Fil-qasam tan-negozju huwa veru li l-liberta` fil-moviment ta` oggetti u l-liberalisazzjoni holqu certa kompetizzjoni li qieghda tfixkel lil xi whud li jridu jaddottaw ahjar ghar-regoli godda tal-loghba. Fil-qasam ta' l-affaraijiet barranin qed insegwu politika attiva u mhux passiva, wiehed jista jsemmi il-mod kif irmnexxilna inpoggu l-problema ta` l-immigrazzjoni illegali fuq l-agenda internazzjonali.

It-toroq il-godda li qed jinbnew qed igibu l-kumment ghall-ewwel darba li ``qishom ta` barra``. Fil-qasam tas-sahha, ghalkemm ma hawn xejn perfett, irnexxielna bl-investiment fl-isptar il-gdid inpoggu lil Malta fost il-pajjizi Ewropej li jonfqu proporzjon l-iktar fil-kura tas-sahha. Tajna zabra tajba lill-korpi parastatali, u gibna lil kulhadd taht il-kontroll finanzjarju tal-Gvern. Fil-qasam ta` l-ambjent hadna mizuri li bihom gew iffrankati miljuni ta` boroz tal-plastik u ghalaqna il-mizbliet tal-Maghtab u tal-Kortin.

Fadal xi jsir; u zgur li iva. Mill-banda l-ohra ghandna Oppozizzjoni li lanqas hija kapaci tiddefendi l-poltiika taghha stess. Hemm wisq politici fl-Oppozizzjoni li m' ghandhomx ideja ta x`jaghmlu jekk jitilghu fil-Gvern u jipprovaw joqoghdui biss gallerija u meta jigi c-cans jahtfuh.

Din m'hiex alternattiva serja. U ghalhekk dan ill-Gvern fl-izvolta ta' dan is-sajf, ser jhejji t-triq ghal rebha ohra li tixraqlu fl-2008.

**Tonio Borg**